**Minuti tal-416-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Joseph Bonnici.

Is-Sur Domenic Agius kien skużat

Is-Sur Mark Grech u s-Sur Joseph Buttigieg daħlu għal-laqgħa fis-6.20 ta'filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-415-il laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Spiteri qal illi l-attivita' *The Malta International Food Festival* kienet suċċess u rringrazzja lill-Kunsilliera talli ħadmu bħala *team* sabiex din l-attivita' tirnexxi.

Is-Sinjura Calleja issuġeriet li fl-attivitajiet tal-Kunsill jingħataw l-opportunita liż-Żabbarin ibiegħu l-prodotti tagħhom.

Is-Sindku qal illi sabiex tiġi organizzata attivita' bħal *The Malta International Food Festival* il-*caterer* li jieħu sehem irid jinvesti kapital kbir.

Is-Sindku qal illi l-ispiża tal-Kunsill għall-attivita' *The Malta International Food Festival* swiet madwar €6,500 u matul din l-attivita' l-għaqdiet Żabbarin ukoll kellhom bejgħ tajjeb. Is-Sindku qal ukoll illi l-idea ta' *action teams* ħadmet tajjeb f'din l-attivita'.

Is-Sinjura Calleja qalet illi c-Chinese Cultural Centre kienu biegħu kollox matul l-attivita' *The Malta International Food Festival*.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex tiġi nstallata *speed camera* fi Triq Wied il-Għajn fil-viċinanzi ta' Sqaq tal-Għargħar sabiex jitnaqqas il-periklu għar-residenti. Is-Sinjura

Calleja talbet ukoll sabiex il-Kunsill jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex isiru *slow signs* u tabelli tat-traffiku fi Triq tal-Għargħar.

Item 4 – Korrispondenza

Fis-6.10 ta' filgħaxija s-Sur Bonnici daħal għal-laqgħa.

Inqrat stedina mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-attivita tal-*European Union Sustainable Energy Week* li ser issir nhar is-Sibt 22 ta' Ġunju 2013 f'The Point Shopping Complex, tas-Sliema. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joe Bonnici jattendi għal din il-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur John Cassar mill-kumpanija Elmo Insurance dwar ħsara li allegament saret minn klijent tagħha f'Ħaż-Żabbar. Il-Kunsill, fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Paul Gatt mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji tal-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni dwar il-possibilta' li ssir sħubija korporattiva mal-Kunsilli Lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Marc Vella Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li għalissa ma jissiħibx f'din l-Assoċjazzjoni.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill *site plan* ta' *zebra crossing* fi Triq tal-Labour mibgħuta minn Transport Malta. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sindku l-Kunsill qabel unanimament mas-*site plan* proposta ta' Transport Malta.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jsiru żewġ *zebra crossings* fi Triq l-10 ta' Settembru.

Is-Sur Mark Grech u s-Sur Buttigieg daħlu għal-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Eickholm Pageler minn Eschborn dwar il-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ li kien ser issir f'Lulju li ġej fil-Ġermanja. Is-Sur Marc Vella Bonnici ppropona li din is-sena l-Kunsill ma jipparteċipax f'dan il-kamp peress illi kien hemm biss sitt Żabbarin li wrer interess u applikaw biex jipparteċipaw.

Is-Sur Bonnici qal illi fil-passat il-Kunsill ġieli pparteċipa f'Kamp Internazzjonali b'sitt parteċipanti.

Is-Sinjura Calleja qalet illi l-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ jagħti opportunita' lil żgħażagħ Żabbarin jiltaqgħu ma' żgħażagħ oħra Ewropej.

Is-Sur Marc Vella Bonnici qal illi hemm skambji oħra li għalihom m'hemmx għalfejn li l-Kunsill joħroġ flus mill-fondi tiegħu.

Is-Sindku qal illi meta tikkonsidra l-qagħda finanzjarja u l-*commitements* tal-Kunsill, ma kienx jaqbel illi ssir spiża biex jipparteċipaw biss sitt żgħażagħ.

Is-Sur Marc Vella Bonnici propona li l-Kunsill ma jipparteċipax fil-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ li ser isir f'Lulju li ġej fil-Ġermanja. Is-Sindku issekonda l-proposta tas-Sur Marc Vella Bonnici u din il-proposta għaddiet bi tminn voti favur u tnejn kontra.

Fuq proposta tas-Sur Marc Vella Bonnici li li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lill-Kunsill ta' Eschborn u lill-applikanti li mhux ser jipparteċipa fil-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ li ser isir f'Lulju li ġej fil-Ġermanja.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Malcolm Schembri dwar il-pubblikazzjoni Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar fejn il-Kunsill ġie mistieden jagħmel avviż bi ħlas ta' €60 f'din il-pubblikazzjoni.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Marc Vella Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jiddiskuti ħidmet il-Kunsill fil-pubblikazzjoni mas-Sur Schembri.

Is-Sur Spiteri talab sabiex jekk hu possibli s-Sur Malcolm Schembri jintalab jagħti kopja tal-aħħar pubblikazzjoni li nħarġet lill-Kunsillieri.

Is-Sur Joseph Vella ssuġerixxa sabiex jintalbu studenti mill-Universita' ta' Malta sabiex jaħdmu bħala *student workers* fil-Kunsill.

Is-Sur Marc Vella Bonnici qal illi l-Universita' ta' Malta ma kienux qed joffru *work placement* bħala parti mill-kors ta' studju għall-istudenti.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Jonathan Cini, Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp, fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinħaraq nar mill-inħawi magħrufa bħala tal-Fatah fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li jinħaraq in-nar sakemm ma jkunx ta' inkonvenjent għar-residenti, ta' ħsara għas-swar u li jingħata l-permess mill-awtoritajiet kompetenti fosthom il-Pulizija.

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mal-Kappillan bil-għan li jingħata l-aħjar prezz għall-użu tas-sala parrokjali għall-attivitajiet imtella mill-Kunsill. Is-Sindku qal li l-attivitajiet fis-sala għal sena sħiħa ma kienux ser jiswew iktar minn €1,164 u s-sala kienet ser tintuża għall-*aerobics,* l-attivita' tal-1 ta' Frar u attivitajiet oħra li jiġu organizzati.

Is-Sur Pace qal illi kien ser jorganizza kompetizzjoni għall-isbaħ kostum tal-Karnival kif ukoll ballu tal-Karnival fis-sala parrokjali.

Is-Sur Buttigieg qal illi kien ser juża s-sala parrokjali għall-użu ta' *Day Centre* għall-anzjani.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jikri s-sala tal-Kappillan għal sena sħiħa.

Item 5 – Xogħol tal-Kunsill

Aġġudikazzjoni tal-offerti għall-manutenzjoni ta' bankini u toroq – ZLC 4/2013

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-erba' offerti li ġew mitfugħa għall-manutenzjoni ta' bankini u toroq f'Ħaż-Żabbar – ZLC 4/2013. L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** |
|---|---|
| Elle Urban Services Limited | Mimlija u ffirmati |
| Joseph Desira | *Non-collusive* u *Form of Tender for Goods and services* mimlija u mhux iffirmati |
| Central Asphalt Ltd | Mimlija u ffirmati |
| Sergio Sciberras | Mimlija u ffirmati |

Inqara r-rapport li tħejja mill-*Contract Manager* tal-Kunsill il-Perit William Lewis dwar l-offerti li ġew sottomessi. Il-Perit Lewis irrakomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand il-kumpanija Central Asphalt Ltd.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li joqgħod fuq il-parir tal-Perit u jagħżel l-offerta mingħand Central Asphalt.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*quotations* li kienu ngħataw għat-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill. Ingħatat *quotation* mill kumpanija *Island Insurance Brokers* għall-prezz ta' €1,323.71 u oħra mingħand *Citadel Insurance* għall-prezz ta' €1,301.33, mingħand *All Care Brokers plc* għall-prezz ta' €1,908.75 u oħra mingħand *Untours Insurance* għall-prezz ta' €1,902.58. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu evalwati f'aktar dettal l-offerti kollha sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħżel l-aktar offerta vantaġġuża fil-laqgħa li jmiss.

Approvazzjoni ta' Finanzi

Fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Vella Bonnici, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mil-24 ta' Mejju 2013 sal-20 ta' Ġunju 2013 li kienet tammonta għal €69,971.69.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2013 li kien jammonta għal €145.23.

Item *6* – Affarijiet Oħra

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien inbeda x-xogħol ta' bdil ta' bankini biex wara jsir *resurfacing* ta' Triq il-Marżebb.

Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li issir road hump fi Triq San Leonardu f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill jitlob permess mingħand Transport Malta peress illi fi Triq San Leonardu diġa kien hemm *road hump* u din kienet nqalghet minħabba nkonvenjent ta' ħsejjes li kien qed ikun hemm għar-residenti.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi *r-refresh* tal-*hatching lines* li hemm fi Triq tal-Labour viċin it-*traffic lights* kienu għadhom ma sarux u għalhekk talab sabiex il-Kunsill jikteb lill Transport Malta biex dan ix-xogħol isir mingħajr aktar dewmien żejjed.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi wħud mid-*dustbins* li kellhom isiru fi Triq is-Santwarju kienu għadhom ma twaħħlux.

Is-Sindku nfurmah illi dawn id-*dustbins* kienu ser jitwaħħlu fil-futur qrib.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jitlob li jinżergħu xi fjuri fir-*roundabout* il-ġdida li saret minn Transport Malta fi Triq tal-Labour fil-viċinanzi ta' Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex titwaħħal xibka fil-parti ta' fuq tal-gazebo li hemm fil-*playing field* minħabba s-sħana li jkun hemm fiha fix-xhur tas-Sajf.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill ikollu kopja tal-pjanta proposta tal-*playing field*.

Is-Sur Joseph Agius talab il-Kunsill jivverifika dwar *reserved parking* ġdida li saret fi Triq in-Nevew.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *road hump* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' *Polymar Pharmacy* kif ukoll sabiex isir *refresh* ta' *parkings bays* fi Triq il-Kapuċċini.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi peress illi l-istima biex tiġi *resurfaced* Triq Ħas-Sajjied telgħet għal madwar €84,000 il-Kunsill jitlob iktar fondi mill-GAL peress illi l-applikazzjoni damet biex tiġi ipproċessata minn naħa tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u riżultat ta' hekk l-istima għoliet ħafna aktar minn dik li kienet oriġinarjament.

Is-Sur Buttigieg informa lill-Kunsill illi l-attivita' għall-anzjani f'Għawdex kienet ser issir fit-2 ta' Lulju 2013.

Is-Sur John J Pace reġa ressaq it-talba quddiem il-Kunsill sabiex isiru *traffic lights* fi Triq il-Kbira ma' Triq il-Kunvent peress illi f'din il-*junction* qed ikun hemm konfuzjoni sħiħa speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħaxija kif ukoll f'ċerti siegħat ta' filgħodu.

Is-Sur John J Pace ippreżenta lil kull Kunsillier r-roster tal-programm 'Kunsill Lokali Live' fuq radju Ħompesch.

Is-Sur Joseph Bonnici tkellem dwar iċ-ċagħaq li tneħħa mill-Mina ta' Ħompesch u qal illi l-fjuri li nżergħu minflok iċ-ċagħaq ma kienux addattati u għandhom jinbidlu.

Is-Sur Joseph Bonnici qal li għandu jintbgħat ħaddiem ieħor fl-assenza tal-ħaddiem li ġie assenjat mil-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd* f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Mark Grech qal illi l-fjuri li hemm f'Misraħ San Ġakbu għandhom bżonn jiġu mibdula u jissaqqew regolarment.

Is-Sindku qal illi t-tisqija kellha ssir darbtejn fil-ġimgħa u qal li ser terġa' ssir laqgħa mal-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd.*

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill jagħmel it-talba biex jinġiebu priġunieri mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin jagħmlu xogħol volontarju fil-komunità ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Bonnici semma wkoll il-ħtieġa li jinstab rimedju għall-problema ta' vetturi mitluqa fil-lokalita'.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jieħu parir legali dwar id-*derelict vehicles* li hawn f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Grech tkellem dwar il-punt li kien qajjem is-Sur John J Pace fil-laqgħa preċedenti dwar il-manutenzjoni tal-funtani fi Pjazza San Ġakbu u f'Misrah tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sur Grech qal li hu qatt ma kien kontra li jkun hemm xi ħadd responsabbli mil-funtana.

Is-Sur Grech talab sabiex ikun hemm rappreżentant tal-Kunsill u jiltaqa' mal-għaqdiet interessati li jieħdu ħsieb il-funtani u jekk jintlaħaq ftehim dan għandu jitressaq quddiem il-Kunsill sabiex jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li r-rappreżentanti tal-Kunsill li ser jiltaqgħu mal-għaqdiet ikunu s-Sindku u s-Sur Joseph Bonnici.

Is-Sur Mark Grech semma l-problema tal-ilma tax-xita fi Triq il-Kbira u ssuġġerixxa li jsiru *culverts* akbar għall-ilma biex jilqgħu l-ilma li jinżel fl-*area* tal-Biċċieni.

Is-Sindku qal illi fil-proġett tal-għargħar li qed isir minn Transport Malta hemm il-ħsieb li jiżdiedu iktar *culverts* li jaqgħu fil-kanal li hemm taħt Triq il-Kbira u li jibqa' għaddej sa Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku qal li l-ilma tax-xita li jinżel mill-mina l-antika ser jiltaqa' mal-mina l-ġdida li qed issir minn Transport Malta. Is-Sindku qal illi waqt

laqgħa ta' konsultazzjoni ma' Transport Malta, intqal illi ser isiru *culverts* ġodda fi Triq l-iskola kif ukoll fi Triq il-Qalb Imqaddsa.

Is-Sinjura Calleja saħqet li l-*culverts* għandhom jiġu estiżi għal Triq Santa Duminka ma Triq il-Qalb Imqaddsa peress illi hemm ukoll ir-residenti għandhom problema bl-ilma tax-xita.

Is-Sur Mark Grech rrefera għat-talba preċedenti tiegħu sabiex isiru *parking bays* fi Triq Alessio Erardi. Is-Sur Grech qal li diġa kien hemm il-permessi meħtieġa ta' Transport Malta biex dawn isiru u ssuġġerixxa li jintalab ukoll il-permess ta' Transport Malta sabiex isiru *parking bays* fi Triq il-Faqqus.

Is-Sur Mark Grech talab li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex tiġi irranġata bankina perikoluża li hemm ħdejn il-*bus stop* fi Triq iċ-Ċikas.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex meta jibda l-kuntratt għax-xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini u toroq u tinqala' r-*road hump* li hemm fi Triq il-Kunvent u jsiru r-*road humps* li għandhom l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

Is-Sur Brian Spiteri staqsa meta ser titlesta Triq il-Grazzji. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ix-xogħol mistenni jitlesta sal-aħħar ta' Lulju.

Is-Sur Brian Spiteri staqsa f'hix wasal it-*tender* dwar ix-xelter ta' Misrah is-Sliem. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qed isiru l-preparamenti sabiex fil-ġimgħat li ġejjin jinħareġ it-tender għax-xogħol li mistenni jsir.

Is-Sur Brian Spiteri rega' talab sabiex jitneħħa l-arblu tad-dawl li twaħħal mill-Korporazzjoni Enemalta fi Triq il-Kbira sabiex tgħaddi l-kannizzata tal-bandisti fil-festa.

Fit 7.54 ta' filgħaxija is-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

Is-Sindku talab sabiex jitneħħa arblu tad-dawl perikoluż li hemm fi Triq il-Grazzji.

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet approvata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jagħtix permess ta' makkinarju fi Triq ix-Xgħajra sabiex isir xogħol ta' twaqqih bil-gaffa peress illi waqt li kien qed isir xi xogħol intlaqtet gallarija.

Is-Sur Brian Spiteri issuġerixxa li r-riċeviment li jsir fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja ma jibqax isir nhar ta' Ġimgħa peress illi ħafna mil-mistiednin ikollhom impenji oħra relatati mal-festa.

Is-Sindku talab il-lista tal-mistiednin u l-ispejjeż relatati ma' dan ir-riċeviment sabiex tiġi diskussa d-data tar-riċeviment fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sur Marc Vella Bonnici talab sabiex il-Kunsill isib post addatat minn fejn id-delegazzjoni barranija li tkun f'Ħaż-Żabbar matul il-festa tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar u tkun tista' issegwi ċ-ċelebrazzjonijiet esterni.

Is-Sur Marc Vella Bonnici informa lill-Kunsill li kienet saret l-applikazzjoni għall-korsijiet tal-*Life Long Learning* sabiex jiġu organizzati klassijiet ta' tgħalim fil-Malti, fil-Matematika u fl-Ingliż. Is-Sur Vella Bonnici talab lill-Kunsill joħroġ l-avviż fil-gazzetti lokali peress illi l-applikazzjonijiet għal dawn il-korsijiet jagħlqu fl-aħħar t'Awwissu.

Is-Sur Marc Vella Bonnici qal li wara l-festa kien ser jibda l-proċess sabiex jiġu organizzati korsijiet oħra fosthom klassijiet tal-arti, *IT, crafts, aerobics* u taz-zumba. Is-Sur Vella Bonnici qal ukoll illi kellu l-ħsieb li jorganizza korsijiet tal-Maths, Malti u Ingliż għat-tfal kif ukoll assistenza fil-*homework.*

Is-Sur Mark Grech staqsa kemm kienet ser tkun l-ispiża tal-Kunsill sabiex jiġu organizzati dawn il-korsijiet. Is-Sindku qal li l-ħsieb hu li l-Kunsill ma joħroġx fondi għal dawn l-attivitajiet.

Fuq proposta tas-Sur Marc Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella l-Kunsill qabel unanimament li jiġu organizzati dawn il-korsijiet.

Fit-8.30 ta' filgħaxija, is-Sur Marc Vella Bonnici talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex tiġi rranġata bankina perikoluża fi Triq Alessio Erardi ħdejn il-*hairdresser* peress illi l-bankina qiegħda mtarġa u mhux aċċessibli għall-persuni b'diżabilita.

Is-Sur Joseph Vella qal illi hemm siġra kbira li qed tiżgombra l-bankina għall-pubbliku fi Triq Agatha Barbara.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol ta' tindif fil-Masġar taż-Żebbuġ beda u kienu tneħħew erbgħin tunnellata ta' skart. Is-Sindku qal ukoll li l-Masġar ser jingħalaq biex ma jkunx hemm aktar rimi ta' skart.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fis-27 ta' Lulju, 2013, kienet ser tiġi organizzata attivita' bl-itwal mejda tal-ikel bil-ħsieb li din l-attivita' tidħol fil-Guiness Book of Records. Is-Sindku qal li kien ser javviċina l-għaqdiet kollha tal-lokal sabiex flimkien magħhom tiġi organizzata din l-attivita'.

Is-Sindku ppropona sabiex it-tqegħid ta' gabbani u posti fi żmien il-ġranet tal-festa mal-ġenb tal-Knisja jitressqu għal Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mal-għaqdiet u l-Kappillan sabiex il-gabbani u l-posti jitressqu f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Sindku ppropona sabiex issir pjanta ġdida fi Triq tal-Labour u ma jsirx tqegħid ta' gabbani u posti fi żmien il-festa quddiem d-djar. Is-Sindku ppropona li ssir rilokazzjoni ta' wħud mill-gabbani.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet li it-tqegħid ta' gabbani u posti fil-ġranet tal-festa għandhom jiġu riveduti kull sena.

Is-Segretarju Eżekuttiv saħaq dwar l-importanza illi kull tibdil ikun konformi mal-Avviż Legali, Regolament 10 tal-AL 119 tal-2002.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li jibda l-proċess biex jiġu spustjati wħud mill-gabbani u posti fi Triq tal-Labour.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.40 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-418-il laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 8 ta' Awwissu, 2013.

Quinton Scerri
Sindku